# Indirizz
# mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca
# President ta' Malta
# fl-Okkażjoni
# ta'
# Jum ir-Repubblika

Sala tal-Gran Kunsill

Il-Palazz, Valletta

Is-Sibt 13 ta' Diċembru, 2014

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern

Erbgħin sena ilu, sebaħ il-jum xitwi ta' Kostituzzjoni ġdida; dwiet l-għajta ta' "Viva Malta Repubblika".

Jum ir-Repubblikani, li ħolmu b'Malta aktar sovrana, kien wasal; tmidd pass ieħor f'mixja li mill-Indipendenza tal-1964, kellha twassalna għall-Ħelsien tal-1979.

Fil-ġurnata kiesħa tat-13 ta' Diċembru, 1974, Sir Anthony Mamo sellem lill-Poplu b'kappell il-Presidenza.

Wara bidla fil-Kostituzzjoni, b'konverġenza kbira bejn iż-żewġ naħat, twieldet ir-Repubblika u magħha, l-Uffiċċju tal-President.

Ġrajja li llum, it-13 ta' Diċembru, 2014, infakkru bl-istess kburija tal-politiċi li, flimkien mal-ewwel President, mill-gallarija ewlenija tal-Palazz, Il-Belt, sellmu lill-folla miġbura biex tiċċelebra t-twelid ta' Malta Repubblika.

Erbgħin sena wara, il-poplu ta' din ir-Repubblika jista' jiftaħar b'pajjiż aktar mgħallem, aktar b'saħħtu, b'għomor itwal, b'firxa ta' drittijiet ċivili usa', u b'aktar opportunitajiet ta' studju u xogħol; pajjiż b'aspirazzjonijiet ħafna akbar, li jwennes lill-poplu tiegħu b'repertorju għani ta' servizzi professjonali u soċjali, li jindirizzaw il-bżonnijiet ta' kategoriji differenti ta' nies.

Storja ta' suċċess li r-Repubblika tafha lill-poplu ħabrieki u bil-għaqal, kreattiv u determinat li jterraq, minkejja l-ħotob u s-saram li jsib tul it-triq. Suċċess li r-Repubblika tafu wkoll lill-politiċi, li f'mumenti ekonomiċi diffiċli, ma warrbux il-prinċipji tal-ġustizzja soċjali u s-solidarjetà.

Ma saru ebda kompromessi, anke jekk kienu qed jgħumu kontra l-kurrent. Dawn huma kisbiet u valuri li jagħmlulna kuraġġ biex niffaċċjaw l-isfidi ta' Repubblika ħajja, li, filwaqt li tiċċelebra kisbietha, ma tista' tieqaf qatt

taħseb, taħdem, tipparteċipa, tiġġedded, tirkupra dak li sfortunatament intilef, u tħenn.

Erbgħin sena ta' Repubblika dinamika jgħarrfuna li t-tiġdid tal-kuntratt soċjali dejjem kellu l-għeruq tiegħu fis-soċjetà ċivili.

Hawnhekk insellem lill-eluf ta' Maltin li ħadmu qatigħ biex iseħħ it-tiġdid tal-istrutturi u r-relazzjonijiet soċjali; attivisti soċjali impenjati li ħaddnu b'kuraġġ iċ-ċittadinanza kritika u attiva. Ċittadinanza li tirrifjuta li tkun oġġett tal-istorja, li tinsisti li taqsam mal-politiċi r-responsabbiltà li tittrasforma l-bejta umana.

Inħeġġeġ lis-soċjetà ċivili biex tibqa' tgħin lill-pajjiż jirrifletti b'mod kritiku, u jieħu azzjoni għaqlija fil-konfront ta' kontradizzjonijiet umani li nsibu f'soċjetà ċkejkna ta' pajjiż tant żgħir, demografija li l-ħin kollu tinbidel u ekonomija li bilfors, trid tħares 'l barra minn xtutna, biex tibqa' ssostni l-aspirazzjonijiet u d-dinjità ta' dan il-poplu.

Ir-relazzjoni mħallta tal-poplu mal-ambjent naturali u mibni, il-faqar fost ħafna nies, inkluż uħud minn dawk li jaħdmu, il-qgħad, il-prekarjat, it-tluq bikri ta' żgħażagħ mid-dinja edukattiva, il-vulnerabilità ta' saffi soċjali u minoranzi kulturali, l-esklużjoni soċjali, l-inugwaljanza bejn is-sessi, id-diżorjentazzjoni ta' individwi li jħossuhom mormija, il-preġudizzji, u l-*bullying* fost tfal u żgħażagħ, huma biss ftit mill-isfidi soċjali u reali, li qegħdin jieklu x-xibka tal-ħadid li żżomm Repubblika magħquda fid-diversità tagħha.

Repubblika tista' tkompli tiġġedded jekk tishar fis-smigħ tagħha.

Dawk li jmexxu, jew jaspiraw li jmexxu, iridu jagħmlu dan permezz ta' djalogu b'umiltà, kuraġġ, imħabba u rispett.

Djalogu ta' vera jfisser komunikazzjoni miż-żewġ naħat, fejn il-mexxejja jitgħallmu daqskemm jgħallmu, jisimgħu daqskemm jitkellmu u jitgħannu

b'għerfet u l-esperjenzi tal-kotra, daqskemm jippruvaw jagħnu b'diskorshom u b'ħidmiethom.

Nemmen li din ir-Repubblika tista' tibqa' timmatura fil-mixja demokratika tagħha, jekk ikun hemm l-għaqda, jekk in-nies jitkellmu bejniethom, jekk l-intelletwali jingħaqad mal-għerf popolari u nisimgħu lix-xettiku; jekk ma naċċettawx il-medjokrità fil-ħsieb, għax jinstema' ħelu f'widnejna, u ma naħsbux li l-għerf tal-espert biss huwa validu.

Għalhekk, Repubblika li trid tkompli tiġġedded, għandha tagħmel distinzjoni bejn tmexxija ta' min jafdha, u awtorità mhux demokratika, u miftum mill-imgħallmin tal-ħsieb kritiku, sew xjentifiku kif ukoll esperjenzjali.

Repubblika li tibża' mill-intellettwali, li toħnoq, tirredikola jew tinjora l-ħsieb kritiku, hija Repubblika dgħajfa u waħda li ma laħqitx il-milja tagħha.

L-unika triq vijabbli li għandha Repubblika demokratika b'saħħitha, hija t-triq tal-litteriżmu kritiku, f'komunità li trid tibqa' titgħallem.

Sikwit nisimgħu minn dawk li joħolqu l-ġid f'pajjiżna li l-burokrazija għadha xxekkel it-tiġdid ta' din ir-Repubblika.

Naqbel ma' din l-osservazzjoni, iżda nżid li l-burokrazija xxekkel ukoll is-solidarjetà soċjali. Noqogħdu attenti li l-poplu ma jsirx statistika, kont nazzjonali li jrid jinfetaħ jew jingħalaq kull sena, jew mira ekonomika.

Il-viżjoni tagħna għandha tkun li nibqgħu naraw, inħossu u nisimgħu l-isfidi tan-nies; il-kesħa tal-istatistika trid tingħeleb mis-sħana tad-drigħ li jrid jgħannaq lill-imġarrbin. Id-dimensjoni emozzjonali ta' ħsil ir-riġlejn tgħin, mhux ittappan id-dimensjoni intellettwali.

Għalhekk, ir-relazzjonijiet umani ma jistgħux jitgħabbew bil-burokrazija li xxekkel l-effettività tal-azzjoni msejsa fuq il-ġustizzja soċjali, li għeruqha jinsabu f'tiġrib il-poplu.

Id-distanza burokratika trid tintrebaħ b'ħidma mal-poplu, aktar milli għall-poplu; ħidma li tagħti valur, mingħajr ma tirromantiċizza l-kelma, l-istorja, ix-xewqat, l-aspirazzjonijiet, il-viżjonijiet, l-identitajiet u l-kulturi li jsawru lil dan il-poplu sovran.

Il-ġid f'pajjiżna jinħoloq minn ħafna nies, speċjalment ħaddiema tal-id u tal-moħħ, u mhux sempliċiment minn saff żgħir ta' nies li jaħsbu li l-vuċi imprenditorjali tagħhom biss, jixirqilha tinstema'.

Erbgħin sena ilu, ħlifna li r-Repubblika tagħna se tkun ibbażata fuq ix-xogħol.

F'erbgħin sena ħloqna eluf ta' impjiegi u ġeddidna l-ekonomija tagħna.

Biss, għadna 'l bogħod milli nwettqu l-ħalfa li għamilna lil xulxin. Dan mhux biss għax hawn eluf li mhumiex jaħdmu, iżda għax għad hawn min qiegħed jaħdem f'ambjent tax-xogħol li jisfruttah, b'periklu għas-saħħa u għall-ħajja, u bil-prekarjat.

Mhux kull xogħol huwa dinjituż. Repubblika bbażata fuq ix-xogħol għandha tipproteġi d-dinjità tal-ħaddiem bl-istess żelu li tittratta l-istatistika tan-nies li jaħdmu. Il-paċi industrijali hija mibnija fuq kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa.

Għalhekk, inqis il-prekarjat bħala marda li mhux biss tnawwar dan il-paċi, iżda therri lill-individwu u lill-familji li aħna tant ngħożżu. Il-prekarjat ixxekkel ukoll il-kompetizzjoni ġusta bejn min iħaddem. L-appell tiegħi huwa li l-profitt m'għandu qatt jiżboq l-urġenza li l-ħaddiema jingħataw dak li bi dritt huwa tagħhom; postijiet tax-xogħol li jaffermaw id-dinjità tagħhom.

Imbagħad hemm dawk li għal raġuni jew oħra ma jistgħux jaħdmu f'sens ta' xogħol b'salarju.

Ix-xibka soċjali hi kruċjali għalihom u b'ebda mod m'għandha titnaqqsilhom id-dinjità b'diskors li jpinġuhom bħala nies li jgħixu bl-akkarija u għalhekk għandhom jinqalgħu minn fuq is-servizzi soċjali.

M'għandhomx ikunu l-vittmi sempliċiment għax hawn min qed jabbuża minn dawn il-fondi jew jevadi t-taxxa.

Dawn tal-aħħar huma fost l-akbar għedewwa tar-Repubblika mibnija fuq ix-Xogħol u s-Solidarjetà.

Xejn daqs il-faqar ma jċekken id-dinjità tal-bniedem. Repubblika ġusta u demokratika ma tista' qatt tittollera eluf li jgħixu la fil-faqar, u lanqas firriskju tal-faqar. Il-faqar huwa ta' kulħadd, iġorru kulħadd, irid jew ma jridx, għax huma t-taxxi li jagħmlu tajjeb għall-faqar.

Ir-rabta magħrufa bejn l-edukazzjoni u l-faqar, turina l-limiti tal-edukazzjoni, filwaqt li tesponi l-fatt li ħafna mill-problemi li naħsbuhom li jibdew filkamp edukattiv, huma problemi ta' barra l-għatba tal-iskola.

Għalhekk, bħal ma qalu ħafna ħassieba fil-kamp soċjoloġiku, ma nistgħux nagħtu lill-edukazzjoni poteri li m'għandhiex.

Tista' tikkontribwixxi bis-sħiħ, flimkien u bi sħab, ma' setturi oħra, iżda mhux weħedha.

L-iżvilupp tal-komunità, bil-parteċipazzjoni attiva tal-istess membri tal-komunità, huwa kruċjali fil-ġlieda kontra l-faqar, l-illitteriżmu, in-nuqqas ta' ħiliet bażiċi, problemi ta' saħħa u sfidi oħrajn bħal dawn. Biex nindirizzaw il-vulnerabilità, hemm bżonn azzjoni ħolistika, inter-dixxiplinarja, multi-professjonali u trans-ministerjali.

Nemmen li r-Repubblika, bi tradizzjoni ta' ħniena, solidarjetà u wens, għandha l-ħiliet biex tiġġieled l-inġustizzji soċjali li jnawru d-demokrazija daqskemm ikissru l-ekonomija.

B'dieqa ninnota li, f'dawn l-aħħar erbgħin sena, l-ambjent tagħna m'għadux li kien.

Rajna Malta tinbidel radikalment, tfal u kbar imsakkrin f'ambjent mibni, 'l bogħod mill-kuntatt man-natura u bi ftit spazji fejn jimirħu.

F'dan l-ambjent sar diffiċli li wieħed isib il-paċi interna, u jkun jista' jgawdi ħlejjaq fin-natura ta' madwaru.

Ambjent ta' bini magħluq minn kullimkien, iċaħħad lill-persuni minn possibilitajiet ta' tiġdid u jġiegħel lill-bniedem jidħol fih innifsu.

Għalhekk, nappella biex niddefendu d-dritt li nibqgħu b'kuntatt mal-ambjent naturali li jsostnina.

Mhux ta' xejn qed naraw żieda fl-inċidenza ta' ċertu mard minħabba l-ambjent.

Għandna bżonn inrawwmu sens ta' kif nibnu relazzjoni pożittiva ma' kull ma' jeżisti madwarna.

Qed nirreferi għal relazzjonijiet, mhux biss soċjali, iżda anki umani-ambjentali. Fi kliem ieħor, irridu nkunu nies li nafu nirrelataw mhux biss mal-bqija tas-soċjetà, iżda wkoll mal-ambjent ta' madwarna.

Il-moviment ta' popli madwar id-dinja mhuwiex ġdid għar-reġjun tagħna. Iżda dan ir-reġjun kien ilu ma jara moviment daqshekk drammatiku ta' nies, aspett ieħor tal-proċess ta' intensifikazzjoni tal-globalizzazzjoni.

Ħsibijieti ma nistax ma niffukahomx fuq l-eluf li ħallew ħajjithom fi vjaġġ diffiċli, li kellu jtihom ħajja aħjar.

Repubblika ħanina għandha tfittex il-wens tas-solidarjetà internazzjonali, biex b'hekk iċ-ċaqliq tan-nies, li d-dinja tant għandha bżonn, issir esperjenza

ta' kwalità, aktar milli nasba li ġġarraf tant tamiet u ħajjiet. Bħall-Papa Franġisku, nistaqsi jekk l-Ewropa għajjitx quddiem l-isfidi tal-lum.

Is-sens ta' solidarjetà soċjali li hemm bżonn hu wieħed internazzjonali, mhux sempliċiment nazzjonali.

L-istorja tgħallimna x'ġarrfet id-dinja meta l-enfasi f'ċerti pajjiżi tpoġġiet fuq it-tieni tip ta' solidarjetà.

Tibdil soċjali kbir ġenneb mhux ftit lir-reliġjon Kattolika bħala forza organizzattiva tal-kultura. F'jum tant importanti għalina lkoll, tajjeb nistaqsu xi jfisser il-proċess ta' sekularizzazzjoni u diversità reliġjuża, u kif se naġixxu għal dan il-proċess.

F'inħawi oħra, l-istess proċess li għaddejjin minnu, ipprovoka reazzjonijiet estremi u fundamentalisti ta' min ħassu mhedded, u fl-istess ħin, qrib il-poter biżżejjed biex jimponi l-valuri tiegħu.

Jien nemmen minflok, li kull għan pożittiv, ġej minn fejn ġej, għandu jingħata spazju fl-isfera pubblika.

Din hija d-demokrazija li nittama li naraha tiffjorixxi fil-pajjiż; demokrazija mingħajr ebda indħiel, ibbażata fuq id-diversità, li tiddjaloga b'mod pubbliku, bil-għan li l-esperjenza ta' kull persuna kif mixja fil-pajjiż, tissaħħaħ u tistagħna.

Repubblika inklussiva tistenna li l-Presidenza timpenja ruħha li ġġarraf il-ħitan artifiċjali li jżommuna milli nersqu lejn, u nħarsu f'għajnejn xulxin. Din il-Presidenza trid isservi ta' pont biex nies b'aspirazzjonijiet, xewqat u viżjonijiet tal-ħajja differenti, jersqu viċin xulxin u jsarrfu d-differenzi f'ħidma komuni msejsa fuq djalogu ta' vera u r-rispett lejn xulxin.

Biex dan id-djalogu jseħħ, l-ilsna differenti jridu jsiru ilsien wieħed, li jlissen il-kelma solidarjetà; il-fehmiet differenti jsiru fehma waħda li lkoll flimkien

nistgħu nagħmlu differenza, il-biżgħat tagħna jsiru biża' waħda li pajjiżna jonqos lill-imtarrfin tiegħu, u l-aspirazzjonijiet tagħna jsiru aspirazzjoni waħda, dik li jitkattru d-demokrazija u l-ġustizzja soċjali.

Intenni li ma nistgħux naspiraw għal aktar demokrazija jekk flimkien ma noħolqux qafas ta' ħsieb u azzjonijiet ġodda, jekk l-ordni ġdida ma timxiex lil hinn minn prattiċi qodma, li żammewna milli nterrqu flimkien il-mogħdija mħattba tas-solidarjetà ekonomika, soċjali u ambjentali.

Djalogu awtentiku jwassalna biex nistaqsu: Min jista' jitkellem u min ma jistax? Min jista' jinstema' u min ma jinstemax? Min jiddjaloga ma' min u mil-liema pożizzjoni ta' poter?

Ħidmet din il-Presidenza irid jingħaraf mit-tisrif konkret tal-valuri msemmija. Biex din il-ħidma titwettaq, il-Presidenza waqfet Fondazzjoni li l-għan ewlieni tagħha huwa li toffri struttura permanenti fejn il-Presidenza, b'mod koerenti u kkordinat, tkun tista' twettaq proġetti li jiċċelebraw il-ħajja u d-dinjità umana.

Din l-istruttura għandha l-għan li tkennen lil min irid jissieħeb mal-Presidenza fil-ħidma tagħha, tipprovdi qafas trasparenti għaċ-ċittadin onest u toffri spazji għad-djalogu u riflessjoni kritika, li jsostnu l-proġetti tal-Presidenza, b'risq il-ġid tas-soċjetà kollha kemm hi.

Diġà, din il-Presidenza qed tiżgura li t-twettieq tal-proġetti urġenti jew permanenti jitħaddmu f'qafas edukattiv, li jiċċelebra d-diversità ta' ħiliet u aspirazzjonijiet tal-Poplu; mudell edukattiv li jgħin liż-żerriegħa tal-ideat, biex tinbet u tixxettel f'proġetti ta' solidarjetà u wens.

Il-Presidenza ġabet flimkien nies bi ħsibijiet konverġenti, biex ikunu jistgħu jitkellmu madwar mejda, permezz ta' twaqqif ta' diversi fora, fosthom il-Forum Nazzjonali tat-Trejdjunjins, u għadd ta' fora oħra, li jolqtu l-familja u t-tfal, u s-soċjetà kollha inġenerali.

Pajjiż li jemmen fil-futur jinvesti fit-tfal, u jagħtihom widen, għax kif dejjem sostnejt, it-tfal mhumiex biss il-futur, iżda huma il-preżent, u hemm bżonn li nisimgħuhom illum.

Għaldaqstant, il-Presidenza ħolqot u trid tkompli toħloq, spazji u opportunitajiet fejn it-tfal jistgħu jsemmu leħenhom, jagħtu l-opinjoni tagħhom u jiġu mismugħa.

Hekk ukoll għamlet il-Presidenza meta laqqgħat flimkien familji, ġenituri, anzjani, komunitajiet u nies b'interess komuni, biex jitkellmu bejniethom għal ġid tagħhom innfushom, u tas-soċjetà tagħna inġenerali.

Il-mira ewlenija ta' din il-Presidenza hi u tibqa' dejjem, li ġġib l-għaqda fost il-Maltin u l-Għawdxin.

Ħamsin sena ilu, issawret il-Kostituzzjoni ta' Malta, li l-mira ewlenija tagħha kienet is-sovranità ta' pajjiżna. Din il-Kostituzzjoni tkompli tipprovdi qafas għall-ħidma amministrattiva u l-governanza tal-pajjiż. Iżda mal-milja taż-żmien, bħal f'kull pajjiż demokratiku ieħor, sar ħafna żvilupp soċjo-ekonomiku, u llum il-ġurnata, il-Kostituzzjoni għandha tħares lejn dawn ir-realtajiet tal-pajjiż u l-ħtieġa tal-poplu.

Erbgħin sena ilu, il-politiċi ta' dak iż-żmien, b'konsultazzjoni bejniethom, kellhom il-kuraġġ iħarsu lejn ir-realtajiet ta' dakinhar, u b' riżultat ta' dak il-proċess ta' bejniethom, irnexxilhom isawru Kostituzzjoni Repubblikana għar-realtà ta' dak iż-żmien.

Hekk ukoll illum, għandu jkollna l-kuraġġ, bi proċess ta' diskussjoni sħiħa tal-politiċi, u parteċipazzjoni wiesa' tal-poplu, nevalwaw u niddeċiedu l-bidliet meħtieġa għaż-żminijiet tal-lum.

Intemm dan id-diskors billi nifraħ li kull min se jingħata Ġieħ f'dan il-jum tant importanti għal Malta tagħna, u nirringrazzja lil kull min, f'dawn l-aħħar erbgħin sena, ħadem għall-ġid ta' pajjiżna, u l-poplu tiegħu.

Nirringrazzjakom minn qalbi.

Maltin, ejjew ħa naħdmu flimkien biex dan il-pajjiż għażiż tagħna, jimxi 'l quddiem demokratikament, ekonomikament, soċjalment, u kulturalment.

Din ir-Repubblika twieldet fl-għaqda, u tkompli tikber u tissaħħaħ bl-għaqda tal-Maltin u l-Għawdxin.

Viva Malta.  Viva Malta Repubblika.